Misteru kbir tal-fidi

```
Rit:          G           C           G
      Radd il-ħajr lilek nagħtu, o Mulej,
            Em        A              D
      Li ssejħilna lkoll madwar l-artal,
                 Am          D7             G    Em
      Biex nistqarru il-misteru kbir tal-fidi
              Am             D7              G
      Li jgħaqqadna f' ġisem wieħed ma' xulxin.  x2

       G              D7                 G
Miġburin hawn f' riġlejk ilkoll qalb waħda,
          Em             Am                D
Biex infaħħruk b' ruħna safja u nagħtuk ġieħ,
          G           B              Em
Qlubna ferħana flimkien jgħollu leħinhom,
        C             A             Bm
Ħa jgħannulek mill-aktar għana ħlejju,
       Am    D7      G
Jgħannulek kull tifħir.            Rit:

Imxennqin u għatxana għal imħabbtek,
Għandek ġejna, ilqagħna niedma u safja,
Int il-Ħajja u fik biss it-tama tagħna,
Fik insibu l-mistrieħ u l-kenn tagħna,
Mir-rwiefen li jhedduna.           Rit:

Int Mulej tagħti sens lil ħajjitna
U ħdejna tkun, magħna timxi tul it-triq,
Il-kelma tiegħek hi għajn
Li tnixxi l-ħajja,
Ħejjejthielna biex biha lkoll nitrejqu,
Bħal aħwa magħqudin.              Rit:

Insebbħuk u nberkuk, o Alla tagħna,
Int ħanin u taħfrilna minn ħtijietna
Das-sagrifiċċju li sejrin noffrulek,
Flimkien m' Ibnek
Il-Vittma mingħajr tebgħa,
Jifdina u jqaddisna.               Rit:
```